MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2004

Numru 433/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Dennis Theuma**
v

**PATRICK SPAGNOL**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PATRICK SPAGNOL** bin Anthony w Teresa nee Vella imwieled Pieta fl-erbgha ta' Dicembru, 1981, residenti fil-fond 40, Mary Flat 1, Triq San Stiefnu, Birzebbuga, detentur tal-karta tal-identita` numru 23282M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fid-dsatax ta' Awissu, 2004 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer:

1. Talli fl-istess lok, hin w cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu id-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-

Ligijieta ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali mmarkat bhala dokument CSH A datat tletin ta’ Awissu, 2004 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kawza tieghu tigi trattata bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar il-wiehed u tletin ta’ Awissu, 2004 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-ezami li sar nhar il-wiehed u tletin ta’ Awissu, 2004 a fol 8 tal-atti, u ghalhekk fuq tali ammissjoni, l-Qorti m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tal-wiehed u tletin ta’ Awissu,  2004.

Fuq tali ammissjoni il-Qorti innominat lis-Senior Probation Officer Miriam Sevasta b’digriet taghha tat-tmienja ta’ Novembru, 2004 sabiex thejji *pre-sentencing inquiry report* fuq l-imputat.

Illi nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Novembru, 2004 dehret is-Senior Probation Officer Miriam Sevasta li pprezentat ir-rapport taghha li l-Qorti immarkat bhala dokument MS.

Illi minn esami ta' dan ir-rapport jirrizulta li l-imputat ghandu huwa guvnott ta' tlieta w ghoxrin sena u jghix mal-genituri tieghu u huwa l-izghar fost hutu, mdawwar b'hafna *family support*, tant hu hekk li omm l-imputat gieli ccempel il-Pulizija hi stess fuq kwistjonijiet ta' droga relatati ma binha.

L-imputat fil-present jinsab jahdem u dan mit-Tnejn sas-Sibt u b'hekk dan l-impieg jghinu jzomm il-boghod mid-droga.

L-imputat ilu jesperimenta bid-droga minn mindu kellu tlettax il-sena, ilu jattendi ic-Centru tad-Detox ghall-methodone ghalkemm fil-present mhux qed jiehu methodone.  Attenda ukoll ghal xi ghajnuna l-Caritas ghall-*individual sessions* kif ukoll ghall-*orientation groups*.

L-Ufficjal tal-Probation pero' spjegat li ma kienx possibbli ghalija li tiehu kampjuni tal-awrina tieghu kif rikjest mill-Qorti sabiex jsiru t-testijiet ghall-presenza tad-droga u dan peress illi l-Agenzija taghha ma tipprovdix dan is-servizz. L-imputat kien taht xi kura medika li jinterferixxi b'rizultati ta' dan it-tip.

Illi l-Probation Officer hija tal-fehema li l-imputat ghandu jinghata sentenza fil-komunita` sabiex l-imputat jkun jista jimxi fit-triq it-tajba u noltre li jaghmel kuntatt ma agenzija li toffri ghajnuna kontra l-abbuz ta' droga.

**Dwar il-piena:**

Il-Qorti qieset ic-cirkustanzi segwenti meta giet biex tapplika l-piena.

1. L-ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat maghmula fl-ewwel opportunita` mghotija lilu u cioe` mal-presentata;
2. Il-koperazzjoni totali tal-imputat mal-Prosekuzzjoni;

3. Ir-rapport tal-Probation Officer u cioe` s-suggeriment taghha li din il-Qorti ghandha taghti sentenza fil-komunita`.
Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss li m'ghandix timponi piena karcerarja jew multa izda li tpoggi lill-imputat taht is-Supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation bl-isperanza li l-istess imputat ikompli fuq it-triq it-tajba.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 8(1) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lill-imputat PATRICK SPAGNOL hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li l-imputat jitpogga taht ordni ta' Probation ghall-perjodu massimu permess mill-ligi ta' tlett snin mill-llum.**

**Rigward l-ordni ta' probation il-Qorti tordna lill-imputat probationer izomm kuntatt regolari mal-Ufficcjal tal-Probation u jobdi d-direttivi mghotija lilu minnha, u jaghmel kuntatt regolari ma agenzija li toffri ghajnuna kontra l-abbuz ta' droga, possibilment darba fil-gimgha, b'dan illi huwa ghandu jaghti kampjun tal-awrina tieghu, kull meta jigi hekk mistoqsi sabiex dina tigi analizzata ghall-possibilita` tal-presenza tad-droga.**
**Tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jigi nominat minnu ufficjal idoneju ghal dan il-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------